MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1306/2003

**Commonwealth Educational Society Ltd ta' Nassau, Bahamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**Vs**

**Evelyn Grech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm115.87c (mija u hmistax-il lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) bhala bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta ai termini tal-iskrittura datata 24 ta' Jannar, 2001.

Is-socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-presentata tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru, 2002 kif

ukoll l-ispejjez tat-talba, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ ammissjoni ppresentata llum seduta stante li permezz taghha l-konvenuta ammettiet it-talba attrici.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, kif dedotta bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------